# L-GĦANJA TA' L-IMĦABBA

*Il-ġilju fil-widien jgħanni din l-għanja*
*il-ġilju abjad tal-widien;*
*jgħanniha qattus iswed f'Marzu*
*kullimkien.*

*L-għanja tal-ġilju jgħannuha l-ftit*
*il-ftit li jħobbu 'l Kristu*
*u l-Bjuda li Hu kien;*
*il-ftit li jħobbu l-Arti*
*u l-qawwa u s-sliem tal-ġmiel.*
*L-għanja sewda tal-qattus iswed*
*jgħanniha kulħadd.*
*Il-lum il-ġebel abjad ta' pajjiżi*
*jismagħha ta' kuljum.*
*U jibża' minn dawk li jridu jiġu 'l quddiem.*
*U dawk li jridu jiġu 'l quddiem*
*jimxu b'wiċċhom lejn l-art u jistaqsuni.*
*U meta nixjieħ...... u meta nixjieħ*
*iduru kollha jibku madwari,*
*u għiduli, għiduli*
*x'naqbad ngħidilhom jien?*
*"Nisħet tgħid jien lil dawk ta' żmien żgħożiti*
*bħal ma jisħet lil Adam kull min jagħdab fit-tbatija,*
*jien li xagħri bjad*
*u moħħi għeja*
*u qed nistenna r-riħ tal-mewt*
*jasal sa ħdejja?"*
*Ngħidilhom tgħid jien għal dawk ta' żmien żgħożiti*
*"Kellhom ġisem mikul min-nar aħdar*
*ħalqhom mimli bi bżieq kollu mdardar,*
*żewġ għajnejn f'ħofor koħol mudlama*
*żewġ ħaddejn imwebbsin daqs irħama?"*

*Il-ġilju fil-widien u l-qattus kullimkien......*

*Fil-knejjes ma tismax ħlief......*
*taħbit ta' siġġijiet u tgergir ta' nisa.*

*Oh! kieku l-qalb ma tafx x'isir madwarha*

*kieku ma tismax il-għanja*
*kieku ma tħossx il-frugħa*
*tal-għanja tal-qattus.*
*Għajnejn, xofftejn u kollox jintilef*
*fid-dlam iswed tal-lejl,*
*u jgħaddi l-lejl u tiġi x-xemx......*
*jitmattru bil-mibegħda f'qalbhom*
*bil-leħħa safra tal-flus f'għajnejhom*
*u jerġgħu jaħsbu għal fil-għaxija.*

*L-anġlu t'Alla minn fuq sħaba bajda:*
*"Għaliex qalbkom niexfa daqs il-blat*
*u għaliex*
*tafu tgħannu l-għanja faħxija*
*ta' l-imħabba ta' bil-lejl*
*u għaliex*
*fil-knejjes ma smajtx ħlief*
*taħbit ta' siġġijiet u tgergir ta' nisa.*
*Mulejja u Mulejkom għadab għalikom."*

*Jieqfu għal ftit u jerġgħu għalli kienu.*

G. Mifsud Bonnici.